**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 850/2010 CFF**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kurt Zahra)**

**vs**

**Alfred Farrugia**

**Illum 28 ta' Lulju 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Alfred Farrugia ta' 45 sena, bin Carmelo u Teresa Farrugia nee' Pullicino imwieled il-Pieta' nhar is-17 ta' April 1965, residenti 2, Triq it-Tigrija Marsa u detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 231865(M);

Akkuzat talli:

1. Fil-lejl bejn l-14 u l-15 t'Awissu 2010 għall-ħabta ta' nofs il-lejl nieqes kwart ġewwa l'Amico Bar fil-Marsa, dolożament bil-ħsieb li joqtol jew li jpoġġi l-ħajja ta' Troy Condorato f'perikolu ċar, were dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ta daqqa ta' strument li jaqta' u bil-ponta lill-imsemmi Troy Condorato, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi ħaga accidentali u indipendenti mill-volota' tieghu;
2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi, permezz ta' l-istess daqqa ta strument li jaqta' u bil-ponta, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-istess Troy Condorato hekk kif gie iccertifikat mit-tobba tal-isptar Mater Dei;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li huwa kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew id-delitt ta' serq jew hsara lil propjeta', kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu, jew taht il-kontroll tieghu, u kif ukoll zamm strument li jaqta u bil-ponta, minghajr licenzja mahruga lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija;
5. U aktar talli ikkommettejt reat/delitt li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, liema sentenza hija definittiva u datata 19 ta' Awissu 2009;
6. U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti hija mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza cioe ta' Troy Condorato jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-imsemmi Troy Condorato minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba biex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew

periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 16 t'Awwissu, 2010.

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, fedina penali, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali, certifikat mediku ta' Troy Condorato, stqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar il-15 t'Awwissu 2010, case summary Dok TC, process verbal redatt mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit, Current Incident Report li jġib id-data 15 t'Awwissu 2010 u gie mmarkat bhala dok MD, relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina li ġiet immarkata bħala dok RA, relazzjoni ta' PC 453 Brian Cassar li ġiet immarkata bħala dok BC, relazzjoni ta' Prof Marisa Cassar u ġiet immarkata bħala dok MC, relazzjoni ta' PS 465 Daniel Abela u ġiet immarkata bħala DA, relazzjoni ta' Dr Mario Scerri u ġiet immarkata bħala dok MC, dok JM1, JM2 u JM3, relazzjoni ta' Dr Martin Bajada li ġiet immarkata bhala dok MB, żewġ sentenzi fil-konfront tal-imputat li gew immarkati bhala dok CPA u dok CPB, Social Inquiry Report dok SB1.

Semgħet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioè lil Troy Condorato, Spettur Christopher Pullicino, Spettur Joseph Agius, PS 546 Mario Deguara, PS 1152 Manuel Saliba, PS 1453 Brian Scicluna, Perit Richard Aquilina, PC 453 Brian Cassar, Prof Marisa Cassar, PS 465 Daniel Abela, Ryan Borg, Joanne Camilleri, PS 1147 Antoine Fenech, PC 6 Daniel Demicoli, Alfred Micallef, Dr Mario Scerri, Dr Alan Drago, Prof Godfrey Laferla, Joseph Mallia, Emanuel Vassallo, Maria Lourdes Vassallo, Dr Martin Bajada, PC 765 Paul Vella, Emanuel Portelli, Sarah Bezzina

**Troy Condorato**, spjega li bejn l-14 u l-15 t'Awwissu 2010 kien mar ġewwa Bar bl-isem ta' Amigo Bar fil-Marsa. Waqt li huwa kien fil-bar ġie l-imputat ħdejh u għalkemm staqsieh jekk ridtx xi haġa dan wieġeb li le. Xi hin rah li ġie warajh u għamel idejh fuq spallejh u fil-pront hass tingiza fil-genb tal-

lemin. Minn kien tah id-daqqa rah jitlaq jiġri 'l barra u imtedd fuq il-bank u xi hadd ċempel għal ambulanza. Huwa għaraf lill-imputat li kienet il-persuna li tagħtu d-daqqa.

In kontro-ezami qal li dakinhar kien wahdu fil-bar u l-imputat ma kienx jafu qabel dan l-incident. L-imputat gie mal-bar u beda jofri drinks lil kulhadd u ftakar li xi hin beda jhares lejh x'hin irrifjuta d-drink. Peress li baqa jhares lejh staqsieh ghal liema raġuni kien qieghed jaghmel hekk. Hin minnhom gie minn warajh u hasdu.

**Spettur Chris Pullicino**, jispjega li fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 t'Awwissu 2010 kien ġie infurmat li persuna sofriet ġrieħi gravi minħabba xi strument bil-ponta u kienet qeghda l-isptar sabiex jipprova jkellmu. Ghalkemm prova jkellmu ma setax jaghmel dan minhabba li kien se jigi operat. Mar fuq il-post fejn sehh il-kaz u ra li kien hemm hafna demm. Meta kellem lil certu Ryan Borg dan spjegalu li l-imputat kien dahal fil-bar flimkien ma' mara u ragel iehor. Dak il-hin kien hemm ukoll il-vittma Troy Condorato. Kellem ukoll lil certu Joanne Camilleri fejn spjegat li rat lill-imputat jersaq lejn il-vittma u jaghtih daqqa ta' sikkina li kien tahielu ghal xejn. L-imputat kien gie arrestat u mitkellem mill-Pulizija fejn ittiehdet stqarrija fuq dak li kien gara. Skont ma kien qallu kien l-imputat li dahhal il-pen knife fuq il-persuna ta' Troy Condorato. Xhieda ohra u cioe' dik ta' Maria Lourdes Vassallo u Emanuel Vassallo ikkonfermaw li kienu raw lill-imputat jaghti daqqa ta' sikkina lill-vittma minghajr ebda raguni.

**Sue Fenech**, esebiet il-process verbal redatt mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit.

**Spettur Joseph Agius**, fejn kien gie infurmat li persuna soffriet grihi gravi minhabba stabbing u infurma lill-Magistrat tal-Ghassa dwar il-kaz fejn inhatru diversi esperti sabiex jassistu fuq il-kaz.

**PS 546 Mario Deguara** esebixxa okkorrenza li huwa stess kien ghamel dwar il-kaz li kien sehh bejn il-lejl tal-14 u l-15 t'Awwissu 2010 gewwa l-Marsa.

**PS 1152 Manuel Saliba** fejn qal li hu flimkien ma' PS 1453 Brian Scicluna kien ghamel tfittxija fir-residenza tal-imputa u kienu elevaw xi ħwejjeg. L-imputat kien qallhom li kien uza l-mus li kellu kontra l-vittma meta kien ġewwa l-Bar fil-Marsa.

**PS 1453 Brian Scicluna** fejn qal li huwa kien xhud tal-istqarrija mehuda lill-imputat.

**Perit Richard Aquilina** fejn ikkonferma li kien gie mahtur fl-atti tal-inkjesta fuq il-kaz in kwistjoni u esebixxa r-relazzjoni tieghu.

**PC 453 Brian Cassar** esebixxa r-relazzjoni tieghu fejn kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta bhala scene of crime officer.

**Prof Marisa Cassar** li esebiet ir-relazzjoni taghha fejn saru analiżi tad-DNA.

**PS 465 Daniel Abela** kien ġie nominat fl-atti tal-inkjesta sabiex jagħmel tfittxija ta' impronti diġitali.

**Ryan Borg** (illi għandu jingħad li fol 171 hija nieqsa mill-proċess) kien ġie infurmat li sehhet ġlieda fil-Bar tiegħu mit-tfajla tiegħu. Kif wasal fil-ħanut ra li kien hemm diġà l-pulizija u ċertu Troy li kien il-vittma kellu demm fuqhu u beda jżomm il-ġenb tiegħu. Huwa qal li ma kienx hemm xi sinjali ta' argument fil-mument li huwa kien mar fil-ħanut. Jaf li l-vittma kien mal-Bar waqt li l-imputat kien fuq mejda oħra flimkien ma' żewġ persuni oħra.

**Joanne Camilleri** qalet li kienet fil-hanut tal-gharus taghha u kien hemm il-vittma ċertu Troy u kien qieghed jixrob birra. Waqt li kienet wara l-bar semghet lehen jghid li jekk jafux u xi trid minn ghandi u kienet gharfet dik ta' Troy fejn dan il-kliem kienu indirizzati lejn l-imputat. Meta dahlet gewwa

semghet ghajta u harget u rat lill-vittma imiss ġenbu. Hi ma kenitx rat ebda sikkina iżda kkonfermat li l-vittma kellu d-demm.

**PS 1147 Antoine Fenech** kien nominat fl-inkjesta flimkien ma' **PC 6 Daniel Demicoli** fejn kienu ghamlu rapport li gie esebiet fil-process a fol 61.

**Alfred Micallef** kien gie mitkellem mill-Pulizija fuq inċident li kien sehh fis-sajf fejn qal li huwa ghandu hanut gewwa Haz-Zebbug. L-imputa kien fil-hanut tieghu iżda kien telaq flimkien ma' kopja ohra ghax kienu sejrin lejn il-Marsa.

**Dr. Mario Scerri** kien nominat fl-inkjesta sabiex jirrelata fuq il-griehi li kien sofra l-vittma. Gara li l-vita kien qala daqqa bi strument bil-ponta u dahlet fil-kavita abdominali fejn kellha tiġi operata. Huwa esebixxa relazzjoni tieghu u ġiet immarkata bhala dok MS.

**Dr Alan Drago** ikkonferma c-certifikat mediku li huwa kien hareg nhar il-15 t'Awwissu 2010 ta' Troy Condorato. Huwa ikkonforma li l-vittma kellu ferita fuq in-naha tal-leminu kienet fil-parti laterali fuq in-naha tal-lemin bejn il-qiegh ta' dahru fejn jibda l-abdominali. Huwa kklasifika l-ferita bhala wahda gravi.

**Prof Godfrey Laferla** ikkonferma li l-vittma kien dahal l-emergenza minhabba ferita li kellu fejn il-ferita kienet wahda fonda. Huwa gie operat fejn gie rilaxxat fl-20 t'Awwissu 2010. Huwa ma kompliex isegwi l-pazjent wara li kienet saret l-operazzjoni.

**Joseph Mallia** gie mahtur sabiex jiehu l-impronti diġitali tal-imputat u l-marki tal-pali u gew esebieti u mmarkati bhala dok JM1 u JM2. Huwa kien eleva lifters mill-atti tal-inkjesta fejn esebixxa rapport li jinsab a fol 228.

**Emanuel Vassallo** qal li kien gewwa Bar f'Haz żebbuġ flimkien mal-mara tieghu u ra lill-imputat fejn kien offrielu x'jixrob. Meta kien qieghed jitkellem ma' sid il-hanut dan staqsieh jekk jistax iwassal lill-imputat sa fejn kien

hemm tal-Lowenbrau. Meta wasluh kien qallhom biex imorru mieghu jiehdu drink. Meta marru gewwa dan il-bar fil-Marsa u kienu fuq mejda, l-imputat qam minn hdejhom u rah jitkellem ma' ragel li ma kienx jaf min hu. Hin minnhom ra mara li kienet fil-hanut sejra tigri lejn il-persuna li l-imputat kien qieghed jitkellem mieghu u semghu jghid ara x'ghamilli u ra li kellu d-demm hiereg. Huwa kien jaf li l-persuna li kien maghhom kienu jghidulu patist.

In kontro-ezami fejn hua stqarr li ma kienx jaf ghalfejn kien qieghed jibki iżda jiftakar li kien talabhom biex iwassluh.

**Maria Lourdes Vassallo** qalet li hi kienet flimkien mar-ragel taghha gewwa bar f'Haz żebbuġ jiehdu birra. L-imputat kien diġà qieghed hemm. Dan gie hdejom u qaghdu jitkellmu u jixorbu. Hi taf lill-imputat bhala Patist u wara wasluh sal Marsa fejn hadhom gewwa Bar iehor hemm. Waqt li hi kienet fil-var lemhet zaghzugh u f'hin minnhom qallhom li x'kien ghamillu dak li kien maghhom. Hi pruvat tara fejn kien qieghed l-imputat iżda ma ratux. Hi ma kienet rat xejn ghax kienet qeghda tara t-television. Hi kienet tat lill-Pulizija mobile li kienet sabet fil-karozza taghhom.

In kontro-ezami hija kkonfermat biss li tal-bar ta' haz żebbuġ kien talabhom sabiex iwasslu lill-imputat ghal Marsa.

**Dr Martin Bajada** fejn esebixxa relazzjoni wara li ghamel analazi ta' mobile.

**PC 765 Paul Vella** qal li kien stazzjonat gewwa l-ghassa tal-Marsa. Kien irċieva rapport dwar ġlieda gewwa Bar bl-isem ta' Amico Bar fejn persuna sefghet midruba. Dan kien ċertu Troy Condorato. Kienu kelmu lil ċertu Joanne li kienet fil-bar u s-suspettat li kient darab lill-vittma kien wiehed li jafuh bhala Pacikk u cioe' Alfred Farrugia.

**Emanuel Portelli** qal li dakinhar li kien sehh il-kaz kien gewwa l-Bar jara t-television. F'xi hin dahal l-imputat ma' persuni ohra u l-imputat mar mal-bar jixrob. Hu rah ikellem lill-wiehed u telaq minn hdejh u rega ghal hdejh ftit wara. Hu ma kien ralu xejn f'idejh. Hu gharaf lill-imputat bhala dik il-persuna

li resqet hdejn il-vittma. U kien ra lill-vittma bid-demm u l-imputat kien telaq ‘il barra.

Rat li l-Qorti kif presjeduta bdiet tisma’ l-kawza odjerna fil-11 ta’ Jannar 2018 u dan minhabba li l-Qorti kif diversament presjeduta, irtirat biz-zmien.

Rat in-nota tar-Rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata tlieta u ghoxrin (23) ta’ Jannar, elfejn u tlettax (2013) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

- Fl-artikoli 41(1)(b), 211(1)(2), 214, 216(1)(a)(i)(ii)(iii), 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Fl-artikoli 6, 51(7), 55 u 56 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Fl-artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Fl-artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Fl-artikoli 17, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li fil-verbal tal-tat-12 ta’ Novembru 2013 il-Qorti qrat l-artikoli fejn l-imputat wiegeb li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jinstema’ bi procedura sommarja.

Rat li fil-verbal tat-2 ta’ Marzu, 2022, id-Difiza ghalqet il-provi taghha.

Rat in-nota ta’ sottomissjoni tad-Difiza.

**Ikkunsidrat:**

Illi f’dan il-kaz il-vittma kien qieghed ġewwa hanut tax-xorb bl-isem ta’ Amico ġewwa l-Marsa fejn kien qieghed wahdu. Fil-lejl ta’ bejn l-14 u l-15 t’Awwissu 2010, dahal l-imputat flimkien ma’ żewġ persuni ohra. Il-vittma ma kienx jaf min hu l-imputat. Dan tal-ahhar beda joffri drinks iżda l-vittma ma rieditx.

Xi hin l-imputa beda jhares lejh fejn il-vittma staqsietu xi jrid. Wara dan kollu l-imputat gie minn warajh u niggzu b'arma bil-ponta u ghamillu ferita gravi fejn kellu jittiehed ġewwa l-isptar u jiġi operat. Il-vittma kien gharaf lill-imputat bhala l-persuna li kien tah daqqa bl-instrument bil-ponta. Hadd mix-xhieda li tressqu sabiex jixhdu ma semmew li kien hemm xi argument bejn il-partijiet.

*L-istqarrija tal-Imputat*

Sejra ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**, f'liema kaz fl-istqarrijiet tieghu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien inghata parir minghand l-avukat tieghu li f'dak l-istadju ma jghid xejn lill-pulizija, huwa xorta wahda rrisponda ghad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-rizultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti ghalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm ghall-uzu personali tieghu, kif ukoll sabiex ibiegh minnha lil terzi. Fis-sentenza taghha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti minghajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tieghu:

> "*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali."*

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-kaz, kien inghata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tieghu u anke ezercita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tieghu ma jithallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u dan stante illi ma nghatax il-jedd ghall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tieghu. Din kienet ukoll il-konkluzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza taghha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema kaz dik il-Qorti skartat bhala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, wahda minnhom guramentata, u dan ghaliex ghalkemm hija nghatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet taghha, madankollu hija ma nghatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx ghadu vigenti fiz-zmien in kwistjoni.

F'dan is-sens ukoll iddecidiet l-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** tas-16 ta' Mejju 2019 u izjed ricentement fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro Spiteri** tat-18 ta' Gunju 2019, f'liema kaz, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija minghajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tieghu u minghajr il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Dicembru 2018, f'liema kaz l-appellat kien inghata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tieghu u anke ezercitah, izda ma nghatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-kaz, fiz-zmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx vigenti fil-ligi

Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali regghet irribadiet il-konkluzjonijiet taghha fis-sentenza precedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**:

> "*14. Ghalkemm, bhall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju ghadu ma sehh l-ebda ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, madankollu, kif osservat fil-kaz ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx ghaqli li l-process kriminali jithalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkuzat Pistella ladarba din, ghallinqas f'parti minnha, ittiehdet minghajr ma Pistella kellu l-ghajnuna ta' avukat. Ghalhekk, ghalkemm ghadu ma sehh ebda ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, fic-cirkostanzi huwa ghaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda uzu mill-istqarrija fil-process kriminali sabiex, meta l-process kriminali jintemm, ma jkunx tnigges b'irregolarità – dik li jkun sar uzu minn stqarrija li ttiehdet minghajr ma l-interrogat kellu l-ghajnuna ta' avukat – li tista' twassal ghal konsegwenzi bhal thassir tal-process kollu.*"

Fil-kaz ta' **Philippe Beuze vs Belgium** deciz mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti regghet adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistharreg jekk sehhitx o meno lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq. Ghalkemm sabet li f'dan il-kaz sehhet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-decizjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu la darba kien hemm restrizzjoni sistematika fil-ligi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' access ghall-avukat, u ddecidiet illi l-Qorti ghandha dejjem tistharreg ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux ezawrjenti, elenkati fid-decizjoni taghha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-decizjoni taghha:

> "*(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment*
>
> *150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list*

*of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.*"

F'dak il-kaz, meta l-Qorti Ewropea giet biex tezamina dawn il-kriterji fil-kuntest tac-cirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi sahqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi mehudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat *inter alia* illi fl-istess kaz, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-access ghall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkuzat gie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija minghajr ma qabel inghata l-opportunita` li jkollu avukat prezenti u fil-kors tal-investigazzjoni gudizzjarja li sehhet wara, ma nghatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma nghata dan id-dritt f'atti investigattivi ohrajn sussegwenti. F'dawk ic-cirkostanzi, minghajr ma nghata informazzjoni cara dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verzjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-rizultat illi ghamel stqarrijiet, li ghalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tieghu, specjalment fir-rigward ta' akkuza partikolari. Dawn l-stqarrijiet gew ilkoll ikkunsidrati bhala ammissibbli fil-proceduri kontra tieghu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proceduri u fir-rigward ta' akkuza minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bazi taghhom huwa nstab hati.

Fil-kaz deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Paul Anthony Caruana vs Avukat Generali et** nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tieghu ghal smiegh xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma nghatax id-dritt tal-access ghall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tieghu lill-pulizija kif ukoll waqt l-interrogatorju tieghu, u ghaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi gew lezi d-drittjiet fundamentali tieghu kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluz li tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, li permezz taghha kien instab hati tal-

imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u gie kkundannat ghal terminu effettiv ta' prigunerija.

F'dan il-kaz, wara li rreferiet ghall-kaz ta' **Ibrahim and Others v. United Kingdom** deciz mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt wahdu li persuna ma tkunx thalliet tinghata l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm ragunijiet impellenti ghal dan in-nuqqas, ma huwiex bizzejjed biex, *ipso facto*, jinsab ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, izda wiehed irid iqis il-process fit-totalità tieghu, il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet referenza wkoll ghad-decizjoni f'**Beuze v. Belgium** u ghall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq citati minn din il-Qorti) li a bazi taghhom wiehed ghandu jezamina l-proceduri fl-intier taghhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet procedurali fl-istadju ta' qabel il-proceduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:

> *"20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn ighid illi "l-fatt wahdu illi persuna li tkun instabet hatja ma tkunx thalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiducja taghha fil-mument tal-investigazzjoni u l-ghotja ta' stqarrija lill-pulizija, minhabba restrizzjoni sistematika fil-ligi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigh xieraq ta' dik l-istess persuna taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa hazin u huwa michud.*
>
> *21. Fil-kaz tallum kien hemm raguni tajba ghala l-attur ma thalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raguni hi li kien hemm il-hsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien mehtieg li l-attur ma jithalla jikkomunika ma' hadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.*
>
> *…*
>
> *23. L-attur inghata t-twissija li trid il-ligi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fic-cirkostanzi msemmija fl-*

*art. 658 tal-Kodici Kriminali. ... Hlief ghall-fatt li ma kellux avukat dak il-hin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veracità tal-istqarrija.*

*24. Ghandu jinghad ukoll illi l-attur ma nzammx aktar milli kien mehtieg biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien mehlus u seta' liberament ikellem avukat.*

*25. Barra minn hekk, l-istqarrija maghmula lill-pulizija ma kinitx ir-raguni li wasslet ghall-kundanna tal-attur: l-attur instab hati mill-qorti ta' gurisdizzjoni kriminali ghax ammetta l-htija ghal dawk l-akkuzi li ma gewx ritirati. Dan ghamlu fil-prezenza tal-avukat wara li ikkonsulta mieghu u quddiem magistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jehodha lura.*

*26. Tassew illi l-attur ighid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien gà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...*

*27. Dan jista' f'certi cirkostanzi jkun fattur relevanti, izda fil-kaz tal-lum l-attur seta' jichad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta ghamilha u ghalhekk l-istqarrija ma ghamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taht l-art. 658 tal-Kodici Kriminali – seta' sahansitra jirtira l-ammissjoni li ghamel quddiem il-qorti – ghax il-qorti ta' gurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn gudikant togat, kienet taf bizzejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet inghatat qabel, li ma kellhiex toqghod fuq l-istqarrija wehedha, aktar u aktar jekk tkun giet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda ohra li ma thallix dubju dwar il-htija. Bilkemm ghalfejn nghidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tieghu u fid-dar fejn kien joqghod.*

*28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux ghax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta izda ghax kien jaf bix-xiehda l-ohra kontrieh u biex jiehu l-beneficcju, li fil-fatt inghata, taht l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi [Kap. 101]."*

Fil-kaz li ghandha l-Qorti quddiemha llum, il-Prosekuzzjoni qieghda tistrieh kwazi ghal kollox fuq l-istqarrijiet tal-imputat apparti xhud li kien il-vittma li jaghti ferm dawl tal-fatti x'kien gara. Huwa evidenti illi jehtieg li din il-Qorti tezamina c-cirkostanzi li ghandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq stante li m'ghandhiex kompetenza li taghmel dan, izda sempliciment mil-latt tal-valur probatorju li ghandha tinghata l-istess stqarrijiet, tenut kont madankollu tal-gurisprudenza fuq indikata.

Minn dak li gie msemmi hawn fuq jidher bic-car li kwalunkwe stqarrija mehuda lill-imputat Alfred Farrugia saret minghajr ma huwa kien assistit minn avukat waqt l-interogatorju tieghu . Illi fil-kaz ta' Beuze, sabiex sabet vjolazzjoni tal-jedd tal-akkuzat ghal smiegh xieraq, il-Qorti Ewropea fil-valutazzjoni taghha tal-*overall fairness of the proceedings* strahet hafna fuq il-fatt illi l-akkuzat ma nghatax access ghall-avukat qabel u waqt l-interrogatorji diversi li sarulu, illi fl-istqarrijiet tieghu ghamel dikjarazzjonijiet inkriminanti u illi fir-rigward tal-akkuzi, fejn l-istqarrijiet tieghu kellhom impatt tali illi wasslu ghal sejbien ta' htija.

Fil-kaz ta' Alfred Farrugia, il-kaz odjern, kif inghad l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat gew maghmula minghajr assistenza legali u ghalhekk iwasslu ghal ksur tad-dritt tieghu ta' smiegh xieraq. Illi fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna u tal-Qorti Ewropea hawn citati, il-Qorti qeghda tiskarta dawn l-istqarrijiet tal-imputat u m'ghandhiex tistrieh fuqhom. Illi dan qieghed jinghad ukoll ghal kwalunkwe xhieda li nghatat f'dawn il-proceduri fejn saret referenza kemm ghall-istess stqarrijiet kif ukoll ghal dak li ntqal fihom u ghalhekk ghandhom jigi meqjusa bhala inammissibbli.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni - (Tentattiv ta' Omicidju)**

Illi mill-artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali jirrigwarda r-reat ta' tentattiv ta' omiċidju u cioè l-applikazzjoni tal-artikoli 41(1)(b), 211(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi għalhekk il-prosekuzzjoni trid tressaq dik il-prova li kien hemm l-intenzjoni speċifika li jwassal lil din il-Qorti li tara li seta' hemm

sejbien ta' ħtija. Illi fis-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul (Peter Paul) Sheehan deciza fl-20 ta' Ottubru 2020 qalet hekk:

*Fis-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti**' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fit-3 ta' Ottubru, 2018 (Att ta' l-Akkuza Numru: 4/2011) gie meqjus li:*

*'32. Illi fl-ewwel aggravju, minnu intentat l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti naqset milli tinoltra ruhha fl-element formali mehtieg sabiex jissussisti r-reat tat- tentattiv ta' l-omiċidju.*

*33. Issa l-kompjant Professur Sir Anthony Mamo, b'referenza għal ġurista Carrara, u għall-klassifikazzjonijiet li jaghti tal-element formali tar-reat tal- omicidju, jishaq illi l-intenzjoni pozittiva diretta (positive direct intent) tirriżulta 'whenever the consequences of one's act are foreseen as certain or even as probable and desired' filwaqt li l-intenzjoni pozittiva indiretta (positive indirect intent), skont il-Carrara, tirriżulta meta 'the event was merely a possible consequence of one's act, which event was either not foreseen at all, or was foreseen but not desired'.*

*34. Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament komposta fit-8 ta` Novembru 1988 fil-kawza : "Ir-Repubblika ta` Malta vs Francis Casaletto" inghad :-*

*'Skond il-ligi taghna fl-omicidju volontarju l-intenzjoni mhux bil- fors trid tkun dik tal-qtil (animus necandi) Hu bizzejjed jekk l- intenzjoni kienet li jpoggi il-hajja ta' dak li jkun f'periklu car. Meta l-intenzjoni hi li toqtol allura dik hija l-intenzjoni diretta. Meta l- intenzjoni hija dik li tpoggi l-hajja f'perikolu car, dik hija intenzjoni pozittiva indiretta. Il-ligi taghna kif qal Sir Anthony Mamo fin-Noti tieghu fuq il-Kodici Kriminali "has considered that from the point of view of wickedness, having regards to the consequences ensuing there is nothing to distinguish between a man who with the positive clear intent of killing*

*proceeds to do an act which in fact causes death, and the man who, although without positively desiring to kill, yet does an act which inherently and obviously is likely to kill and in fact causes death. The knowledge that the act is likely to kill, or the recklessness whether death clearly forseen as probable, shall ensue or not is properly treated by law on the same footing as the positive intention to kill."*

*Skond id-dottrina l-intenzjoni hija indiretta meta l-event kien semplicement konsegwenza possibbli ta' l-actus reus, liema event jew ma kienx previst jew kien previst izda mhux mixtieq. Jekk tali event kien previst u minkejja dan l-actus reus kien mixtieq u volontarju allavolja l-konsegwenza ma kinitx mixtieqa, l-intenzjoni indiretta tissejjah posittiva. Jekk, mill-banda l-ohra, l-event possibbli ma kienx la mixtieq imma lanqas previst, l-intenzjoni indiretta tissejjah negattiva .... tammonta ghal negligenza jew casus.*

*35. Il-gurisprudenza allura qed taghti tifsira lid-diċitura adoperata fil-liġi tagħna partikolarment meta fid-definizzjoni tal-omiċidju volontarju, fit-termini tal-artikolu 211 tal-Kodiċi Kriminali, jinghad illi l-actus reus jew l-att materjali jrid ikun akkumpanjat bl-intenzjoni li wieħed 'joqtol jew li jqiegħed il-ħajja f'periklu ċar'. Illi allura min irid jiġġudika l-fatti, ghandu jieħu qies tal-provi kollha tal-każ li jkun u jiddeduċi minn dawk il-provi u miċ-ċirkostanzi tal-istess jekk minn ikkometta l-att materjali kellux ukoll l-intenzjoni kriminali li jikkomettih, kif inhu ampjament evidenzjat ukoll minn ġurisprudenza nostrana. Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-31 ta` Mejju 2001 fil-kawza "Il-Pulizja vs Marco Farrugia et" inghad illi :-*

*'Gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali.....'.*

*36. L-istess prinċipju kien ravvizzat fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament komposta, fil-kawza : "Ir-Repubbklika ta' Malta vs Salvatore sive Salvu Gauci" : deciza fit-8 ta` Lulju 2004 : fejn kien dikjarat illi :-*

***'Biex wiehed jara x'kienet l-intenzjoni, wiehed irid jara x'kienu l- fatti - l-att materjali li sar - kif ukoll ic-cirkostanzi li fih sehh dak l- att materjali. Wiehed irid jara x'arma intuzat, kif intuzat, 'il fejn giet indirizzata jew gew indirizzati d-daqqa jew id-daqqiet b'dik l- arma, x'diskors intqal sew qabel, waqt, kif ukoll wara li nghatat id- daqqa jew li nghataw id-daqqiet... Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva - jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att - u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja.'***

*Ikkunsidrat :*

*37. Abbinati l-fatti kif diga` delinjati mad-dottrina u mal-gurisprudenza, jingħad preliminarjament illi l-appellant mhux qed jikkontesta li l-att materjali tar-reat kien ezegwiet minnu, iżda jikkontendi li l-element formali huwa nieqes ghaliex qatt ma kellu dik l-intenzjoni li jispara lejn Joseph u Redeemer Mifsud biex joqtolhom jew iqieghed il-hajja taghhom f'perikolu car. Hu jibqa' jishaq illi l-intenzjoni tiegħu kienet li jbezzaghhom meta spara lejn l-art u mhux fid-direzzjoni taghhom u dan sabiex igieghelhom jitilqu mill-propjeta tiegħu u jħalluħ bi kwietu kif kien talabhom jagħmlu inizjalment. Fin-nuqqas, l-appellant qed jikkontendi illi semmai ghandu jikkonfigura r-reat ravviżat fl-artikoli 216(1)(a) u 217 u ċioe dak tal-ferita gravi li tista` ġġib periklu għall-ħajja iżda mingħajr l-ebda intenzjoni omiċida.*

*38.* ***Ma hemmx dubju, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi l-isparaturi sehhew hekk kif Joseph u Redeemer Mifsud kienu qed jillargaw minn fuq il-post, bit-tnejn li huma ghalhekk iharsu b'daharhom lejn l-aggressur taghhom u meta ma kenux armati la b'xi arma regolari u wisq anqas irregolari.*** *Kif inghad din il-fehma hija konfortata mill-provi cirkostanzjali u indizzjarji. Il-feriti riskontrati fuq iz-zewg vittmi kienu jinstabu fl-aspett posterjuri tal-gisem u cioe' fid-driegh, fid-dahar u fiz-zaqq, allura fuq in-naha ta' wara u fil-genb. L-ebda tir ma laqathom fuq il-parti ta' quddiem ta' ġisimhom li setghet allura tkun indikattiva ta' xi konfront affrontali, kif ipprospettat mill-appellant. Lanqas ma rrizultaw xi griehi fir-riglejn u fis-saqajn tal-vittmi li jistghu jaghtu konfort lit-tezi tal-appellant illi huwa spara fid-direzzjoni tal-art. Inoltre kemm l-espert mediko-legali Dr Mario Scerri kif ukoll dawk ballistiċi jikkonfermaw li kien hemm distanza bejn Mifsud (missier u iben) u l-appellant meta ntlaqtu bit-tiri u fejn ghalkemm kien hemm minnhom li kienu mill-qrib (ta' driegħ Joseph Mifsud, kif ukoll iż-żewġ feriti ta' Redeemer Mifsud) dawn ma kienux qeghdin imissu mal-arma meta nltaqtu mit-tiri, liema fatt ġie kkonfermat medikament mid-dehra tal-feriti riskontrati fuq il-vittmi minn Dr. Scerri. Ukoll l-esperti tal-ballistika jirriskontraw madwar sitt tiri li ġew sparati mill-arma tal-appellant dakinhar tal-inċident fejn mill-inqas tlieta minnhom laqtu lill-vittmi. Mhux biss izda dawn l-esperti ikompli jindikaw illi l-arma Browning użata waqt l-inċident mill-appellant tieħu erba (4) skrataċċ fejn ghalhekk skont il-kostatazzjonijiet tagħhom kien hemm mument meta l-appellant reġa kkarga l- arma sabiex ikompli jispara. Finalment l-esperti forensici, il-Perit Richard Aquilina kif ukoll l-espert Serologu Christopher Farrugia, jistabilixxu illi t-traċċi tad-demm tal-vittmi Mifsud instabu kemm fil-passaġġ kif ukoll fl-għalqa u fir- rotta li l-vittmi ħadu sabiex jaslu lejn r-razzett ta' Joseph Zahra fejn fittxew l- għajnuna. Dan ikompli jikkonferma li huma dejjem baqgħu jitbiegħdu mir-razzett tal-appellant u mill-passaġġ fejn seħħ l-argument inizjalment fuq il-ħajt filwaqt li l-appellant baqa' jispara ghal fuqhom.*

*39. Illi stabbiliti dawn il-fatti probatorji, il-linja difenzjonali adottata mill- appellant, anke fl-aggravju li gab `il quddiem fi stadju ta' revizjoni, ma jistax iregi ghaliex anke jekk gratia argomenti din il-Qorti kellha taccetta it-tezi illi l-vittmi hebbew ghall-appellant meta sehh l-argument bejniethom (anke jekk xjentifikament il-feriti riskontrati ma jindikawx dan) xorta wahda jirrizulta illi l- vittmi Mifsud kienu qeghdin jitilqu minn jeddhom mill-post fejn seħħ l-argument qabel ma ntlaqtu bit-tiri, u allura qabel ma beda jispara l-appellant...'* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

*Fis-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Salvu Gauci' d**eciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Lulju, 2004 (Numru: 12/1998) 35 gie kkunsidrat li:*

*'Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu The Criminal Law of Scotland:*

*"Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay dawn a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."*

*U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fl-ligi Skocciza "is advertent and involves foresight of the risk" u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:*

*"When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall says, "In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a method used to determine those operative facts in the minds of normal persons".*

*Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In Robertson and Donoghue Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that "In judging whether...reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed". All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism*

*to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (ex hypothesi) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."'*

*Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Jeffrey MUSCAT**' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 t'Ottubru, 2019 (Appell numru: 338 tal-2017) gie meqjus li:*

*'Illi mill-kumpless tal-provi prodotti għalhekk din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-kawża tal-offiża gravi subita minn Keith Muscat kienet dovut għall-azzjoni intrapriża mill-imputat fis-sewqan tiegħu. Il- Qorti temmen il-verżjoni tal-fatti rakkontata minn Keith Muscat meta huwa jiddeskrivi li nbeżaq mill-karozza bil-manuvra intrapriża mill- imputat meta Muscat kien irnexxielu jdaħħal rasu u idu fil-vettura misjuqa mill-imputat. Il-Qorti ssibha ferm diffiċli tifhem kif l-imputat ma setgħax jintebaħ li bil-manuvra li għamel ma kienx ser jikkawża ħsara fuq il-ġisem ta' Muscat meta huwa mhux biss kompla jsuq il-vettura tiegħu iżda wkoll jagħmel il-manuvra deskritta minn Muscat b'mod li huwa inbeżaq mal-art u konsegwentement sofra l-offiża gravi.*

*Hawnhekk il-Qorti tirravviża li din l-azzjoni ma kienetx waħda ta' negliġenza. L-imputat, b'Muscat imqabbad mal-vettura misjuqa minnu bil-mod kif deskritt minn Muscat, u bil-manuvra tas-sewqan kif deskritta minn Muscat, setgħa faċilment jara li, bil-manuvra li kien ser jintraprendi, huwa setgħa jikkawża ħsara fil-ġisem ta' Muscat bħala konsegwenza probabbli ta' dik il-manuvra li kien qiegħed jagħmel, u anke jekk huwa ma riedx dik il-ħsara fil-ġisem ta' Muscat, xorta waħda għażel li jwettaq dak l-egħmil li ġab dik il-ħsara. Il-konsegwenza ta' dan hi li l-ħsara kaġunata fil-ġisem ta' Muscat tiġi li*

*saret mill-imputat b'mod volontarju. Kif deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-12 t'Awissu 2010 fil-kawża* ***Il-Pulizija vs Julian Genovese*** *:*

*Wiehed ma jrid qatt jinsa li d-dolo jikkonsisti kemm fl-intenjoni pozittiva diretta kif ukoll fl- intenzjoni pozittiva indiretta, u li din tal-ahhar hija wkoll bizzejjed biex tirradika l-element formali tar-reat meta dan ikun jirrikjedi – kif effettivament jirrikjedi l-Artikolu 325 – l-intenzjoni doluza. Sfortunatament hija opinjoni popolari, izda wahda zbaljata, anke fost certi avukati, li l-intenzjoni pozittiva indiretta hija relevanti biss fil-kaz tar-reat ta' omicidju volontarju. Kif diga` nghad, dan ma hux minnu.*

*Il-Qorti għalhekk tqis li l-Prosekuzzjoni ippruvat l-ewwel imputazzjoni kontestata lill-imputat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu a fol 196 tal- proċess fit-termini tal-Artikolu 214, 215 u 216(1)(a)(ii)(b) tal-Kodiċi Kriminali.'*

Illi maghmula dina l-esposizzjoni legali, din l-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-fattispecje ta' dana l-kaz bil-ghan li jigi stabbilit jekk f'dana il-kaz tistax tirrizulta htija dwar it-tentattiv ta' omicidju. Illi kif diga inghad fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv ta' omicidju l-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tipprova toqtol il-vittma. Issa kif diga inghad l-unika prova li hemm fl-atti li titfa' dawl fuq id-dinamika ta' dan l-incident hija dak li qal l-istess vittma. Illi minghajr ma kien hemm xi provokazzjoni u bla ebda raguni, l-imputat resaq lejh u bi strument bil-ponta u jaqta taht daqqa u nifdu fil-kavita abdominali bil-konsegwenzi li kien hemm. Illi mix-xhieda mghotja minn Dr Mario Scerri li ezamina l-vittma u mir-rapport esebiet qal li l-vittma kien f'qaghda gravi izda tjiebet matul iz-zmien u anki hareg mill-istess sptar. Illi hareg li l-ferita li kellu kienet tali li poggietu f'sitwazzjoni gravi. Illi ma' dak li ntqal hawn fuq, l-imputat bil-konsegwenzi li ghamillu ferita gravi. Illi kif inghad hawn fuq l-intenzjoni specifika li huwa ried joqtol lill-vittma ma

ngiebet ebda prova ta' dan. Huwa minnhu li ta daqqa b'arma bil-ponta u li taqta minghajr ebda raguni ta' xejn mghotija lill-vittma fejn lanqas biss kien jafu fejn persuna ragonevoli f'sitwazzjoni bhal din jkun jaf il-konsegwenzi li jwasslu ghal azzjoni bhal din. Illi pero mill-provi mressqa ma kien hemm xejn li jista jwassal ghal hsieb li ried joqtol lill-vittma.

**It-Tieni Imputazzjoni – Akkuza ta' Ferita Gravi**

Rigward din l-akkuza dwar hekk kif imsemmi fin-Nota ta' Rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, jinghad qabel xejn illi sabiex jissussisti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara.

> *"Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu." (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).*

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika fejn il-Professur Mamo fejn ighid:

> *"the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible." (Notes on Criminal Law),*

Izda imbaghad izid:

> *"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the*

*gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo."*

Illi mill-provi mressqa bla dubju ta' xejn kien l-imputat li ta d-daqqa bi strument bil-punta u li jaqta. Dan konfermat mix-xhieda mghotija tal-istess vittma u anki minn xhieda ohrajn li poġġew lill-imputat ftit qabel ma sehhet id-daqqa hdejn il-vittma. Illi f'dan il-kaz l-Avukat Generali ghamel referenza ghal dak li jghid 216(1)(a)(i)(ii)(iii) u (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi mix-xhieda prodotta f'dan il-kaz, kienu l-istess tobba li semmew li d-daqqa kienet fil-kavita abdominali tal-vittma. Illi skont l-artikoli msemmija hawn fuq:

***216.*** *(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn [...][1] –*

*(a) jekk tista' ġġib periklu -*
*(i) tal-ħajja; jew*
*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*
*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem;*

*[...]*

*(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*

Illi mix-xhieda tat-tobba hadd minnhom ma semma li l-vittma kien f'qaghda li jitlef hajtu ghalkemm kellu ferita gravi, jew inkella li sofra xi haġa minn dak li hemm fl-artikolu 216(1)(a)(ii)(iii) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-istess tobba semmew li l-ferita kienet fil-kavita abdominali u dan b'referenza ghal dak li hemm fl-artikolu 216(1)(c). Illi ma jirriżultax li din il-ferita ġabet xi konsegwenzi f'dak li hemm fl-artikolu 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi

[1] Illi fis-sena 2018, il-piena ġie emendat li saret minn sena sa seba' snin. Waqt li fiż-żmien li kien sehh ir-reat, il-piena kienet waħda minn tlett xhur sa tlett snin.

għalhekk f'dan il-każ il-Qorti issibu hati li kkaġuna ferita gravi fuq il-persuna ta' Troy Condorato. Illi ma dan il-fatt irid jinghad li fiz-zmien li kien sehh ir-reat il-piena stabbilita kienet anqas milli dik li illum u għalhekk għal għoti tal-piena din sejra tiġi kunsidrata wkoll.

**It-tielet Imputazzjoni – l-Att Dwar l-Armi**

Illi t-tielet imputazzjoni hija mibnija fuq dak li hemm taht l-artikolu 55 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta li jgħid:

> ***55.*** *Salv kull dispożizzjoni oħra fil-Kodiċi Kriminali kif tapplika għaż-żamma, ġarr, użu, akkwist jew pussess ta' armi tan-nar, kull min -*
>
> *(a) fil-waqt li jkun qed jagħmel reat kontra s-sigurtà tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew ħsara fil-proprjetà (minbarra ħsara involontarja fil-proprjetà); jew*
>
> *(b) fil-waqt li jkun qed jiġi arrestat għal delitt,*
>
> *ikollu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn erba' snin, kemm-il darba ma jġibx prova xort'oħra li kien qed iġorr l-arma tan-nar jew l-arma regolari bi skop leġittimu.*

Illi bla dubju ta' xejn fil-mument li sehh ir-reat l-imputat kellu f'idu strument li jaqta u bil-ponta waqt li kien qiegħed jikkommetti r-reat u kienet il-kagun tal-ferita li ghamel fuq il-persuna ta' Troy Condorato. Illi ghalhekk din il-Qorti ssibu hati ta' din l-imputazzjoni miġjuba kontra tieghu.

**Ir-Raba Imputazzjoni – l-Att Dwar l-Armi – Licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija**

L-imputat huwa akkuża taht il-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta bl-artikoli 6, 51(7), 55 u 56 tal-Att. Illi l-artikolu 6 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmel referenza li sabiex iġġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina

jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju. Illi ghalkemm il-ferita kagunata mill-imputat kienet maghmula bi strument li jaqta u bil-ponta, il-prosekuzzjoni ma gabietx il-prova li l-imputat ma kellux licenza u ghalhekk ma jistax jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

**Il-Hames Imputazzjoni – Sentenza Sospiza**

Illi din l-imputazzjoni hija dwar il-fatt li meta l-imputat ikkommetta dan ir-reat kien fi żmien operattiv ta' sentenza sospiża li huwa kien inghata fis-19 t'Awwissu 2009. Illi però f'dan il-kaz, is-sentenza esebieta ma turix kemm wehel iżda biss li tghid li s-sentenza li huwa kien inghata fis-7 ta' Dicembru 2006 (liema sentenza ġiet esebita iżda ma hemmx indikazzjoni cara li tirrigwarda l-imputat u lanqas ma hija vera kopja jew inkella ġiet ikkonfermata minn xi uffiċjal li kien involut fil-kaz jew minn persuna ohra) ġiet estiża ghal tlett snin ohra. Illi ghalkemm l-imputat seta jinstab hati li kiser is-sentenza sospiża, madankollu l-aqwa prova taghha ma tressqitx u ghalhekk il-Qorti ma tistax issib htija li huwa kkometta reat fiz-zmien operattiv ta' sentenza sospiża.

**Is-Sitt Imputazzjoni - L-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat ukoll bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn l-artikoli jitkellmu dwar ir-recidiva u l-effett taghha u f'dan il-kaz ir-recidiva hija reat u akkuza per se u ghalhekk titlob li tingieb l-ahjar prova sabiex jigi zgurat li persuna tinstab htija jew le skont il-kaz. F'dan ir-rgiward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Abela Paul moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Settembru, 2004 per Onor. Imhallef David Scicluna fejn insibu s-segwenti dictum:

> *L-appellant gie akkuzat ukoll li sar recidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' l-1 ta' Lulju 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason James Agius moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:*

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`.*

*Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

U fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Zahra moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 2003, intqal:

*"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Illi f'din il-kawza gew esebiti żewġ kopji ta' sentenza fejn wahda minnhom (a fol 347) lanqas ma hija vera kopja u lanqas jista jinghad b'certezza li hija fil-konfront tal-imputat. Illi fit-tieni sentenza esebieta hemm in-numru tal-karta tal-identita li jaghti hjiel li hija fil-konfront tal-imputat. Illi f'dan il-kaz l-imputat kien inghata sentenza sospiża. Illi madankollu, ladarba din il-Qorti

ma sabitx htija li huwa kkommetta reat fiz-zmien operattiv ta' sentenza sospiża, din is-sentenza ma tistax titqies ai finijiet ta' reċidiva. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib htija li l-imputat kien recediv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 41(1)(b), 211(1)(2), 214, 216(1)(a)(i)(ii)(iii), 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 6, 51(7), 55 u 56 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikoli 17, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx l-imputat hati tal-ewwel (1), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni u minnhom tilliberah, issib lill-imputat hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3), imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li bl-effetti ta' l-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' erba' snin mil-lum.

Inoltre' wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Troy Condorato il-Qorti torbot lill-hati b'garanzija personali a favur tal-istess Troy Condorato taht penali ta' elf euro (€1,000) u dan ghal zmien ta' tnax-il xahar.

Inoltre ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tordna lill-ħati Alfred Farrugia jhallas l-ammont ta' elf mitejn u Ewro u sebgha' u sittin centezmu (€1201.67) lir-Registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Deputat Registratur**